MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 20/2002/1

Kawza fil-lista: 24

**A B C**
**vs**
**D B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta’ Ottubru 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, E u F, dak iz-zmien minorenni [izda llum maggjorenni]; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba sevizzi, mohqrija u nkompatibilita’ ta’ karattru, da parti tal-konvenuta; li l-hajja konjugali giet reza mpossibbli, u m’ hemmx possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni; li l-istanza odjerna giet debitament awtorizzata mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla; u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-

separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f' idejn l-attur, b' access favur il-konvenuta; [3] tiffissa retta alimentarja ghal-uliedhom minuri, ta' mhux anqas minn LM50 [illum €116.5] fil-gimgha; [4] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha lill-partijiet; [5] tapplika kontra l-konvenuta l-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap.16; [6] tinnomina nutar biex jircevi l-att opportun u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li: [1] hi ma topponix ghat-talba ghas-separazzjoni, izda tikkontesta l-htija attribwita lilha; [2] l-attur mhux affidabbli biex jigi afdat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri; [3] l-attur ghandu jhallas manteniment ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri stante li "jiggestixxi negozju u jgawdi ntrojtu tajjeb."; [4] taqbel mat-talba ghax-xoljment, likwidazzjoni assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, b' rizerva li jekk tigi mposta fuq l-attur id-dekadenza, ghandu japplika d-dispost ta' l-artikolu 48[1][c] tal-Kap.16; [5] jopponi ghall-hames talba, stante li kien l-attur li gab it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg.

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti u li tinsab inserita fil-process a fols.17 sa 21 [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat, li tinsab inserita fil-process a fols.24 sa 25 [Appendici B];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapporti tal-perit gudizzjarju l-AIC Valerio Schembri;

Rat ir-rapporti tal-perit komputista John Bonnici;

Rat ir-rapport tal-kuratur deputat tal-minuri l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Rat ir-rapport tal-Psikologa Dottor Roberta Attard;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi rapporti ohra ta' haddiema socjali, dokumenti ezebiti u noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta, permezz tal-kontro-talba, qed taghmel l-istess talba ghas-separazzjoni personali, izda bi htija unika ta' l-attur fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 ta' l-imsemmi Kap.16.

Iz-zewg partijiet qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Ottubru 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal: E u F, li llum huma maggjorenni. Maz-zmien il-partijiet bdew jesperjenzjaw inkwiet matrimonjali li aggrava biz-zmien, tant li f' Gunju 2000 l-attur allontana ruhu mid-dar konjugali b' tentattiv li tikkalma s-sitwazzjoni familjari, anke minhabba t-tfal tal-partijiet. Sfortunatament is-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora, u eventwalment gew inizjati l-proceduri gudizzjarji ghas-separazzjoni.

*Verzjoni Attur*

Illi fl-affidavit dettaljat tieghu l-attur jghid li hu jhobb lill-familja tieghu u kien jahdem hafna sabiex jipprovdilhom kull ma kellhom bzonn. Jghid li mat-twelid tat-tifla E, il-konvenuta kienet prottettiva hafna fuqha u kienet taghtiha kull ma riedet u kienet iccedilha f'kollox, bir-rizultat li maz-

zmien din it-tifla bdeit tiddomina lill-konvenuta, u eventwalment anke lil ohta z-zghira F.

L-attur jispjega li circa tlett snin wara t-twelid tat-tieni wild, il-konvenuta bdiet tohodha kontra tieghu u bdiet ukoll tghawwi lit-tfal kontrih. Jghid li, wara l-interventi kirugici li ghamlet il-konvenuta, dina kienet dizappuntata hafna bir-rizultat mill-att ta' estetika, u l-attur jghid li l-komportament taghha fil-konfront tieghu kien sar izjed irragjonevoli, u anke krudili. Kienet tumiljah quddiem it-tfal u tghawwihom kontra tieghu. Ghalhekk hu kien iddecieda li jallontana ruhu mid-dar konjugali bl-isperanza li l-atmosfera familjari tikkalma; izda dan inutilment, ghax ir-relazzjoni bejnu, u bejn martu u t-tfal aggravat sa tal-punt li t-tfal kienu jirrifjutaw li jmorru ghall-access ma' l-attur, u l-konvenuta minn naha taghha kienet timpedih fl-avvanzi tieghu li jkellem lit-tfal.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' mgieba skorretta mas-segretarja tieghu Ga H, kugina tal-konvenuta, l-attur kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll fil-kontro-ezami, cahad li hu kien ittanta lil din il-mara, u jghid li kienet l-istess H li kienet tikkomporta ruhha b' mod b' tentattiv biex tisseducih.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali maghmula minn bintu F fil-konfront tieghu, l-attur fil-kontro-ezami tieghu cahad kemm-il darba u b' mod kategoriku u konsistenti din l-allegazzjoni, filwaqt li attribwixxa din l-allegazzjoni ghal mibeghda li martu u bintu l-kbira E kienu jimmanifestaw fil-konfront tieghu, kif ukoll ghad-dominanza li E kienet tezercita fuq ohtha z-zghira F.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tispjega fid-dettal dak li ghaddiet minnu matul il-konvivenza matrimonjali, u tiddeskrivi incidenti li sehhew bejn il-partijiet. Tghid li l-attur kien bniedem li jbati hafna mill-burdati u li kien dominanti u mpulsiv: dominanti ghax ried li l-affarijiet isiru kif ried hu, u mpulsiv ghax kien jghajjat u jghajjar lill-attrici, u eventwalment anke lit-tifla E li skond hu kienet tiehu l-parti t' ommha. Il-konvenuta tirrakkonta kif

okkazzjonalment l-attur kien jerfa' jdejh fuqha, u dana avolja hija ghandha kondizzjoni medika. Tghid ukoll li whud minn dawn l-incidenti kienu sehhew quddiem it-tfal bir-rizultat li dawn daru kontra missierhom, u meta l-partijiet isseparaw de facto, kienu juru rezistenza kbira sabiex imorru ghall-access ma' l-attur.

Il-konvenuta allegat ukoll li l-attur kien jittanta sesswalment lil kugina taghha li f' dak iz-zmien kienet tahdem bhala segretarja mieghu. Saret ukoll allegazzjoni ta' abbuz sesswali fil-konfront ta' l-attur, da parti tat-tifla F.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi kollha akkwizti, hija tal-fehema li l-konvenuta rnexxielha tipprova sodisfacentement li l-inkwiet matrimonjali jsib il-kawza tieghu fil-karrattru dominanti, ta' l-attur li ta' sikwit kien jinfexx f' ghajjat u tghajjir fil-konfront taghha, jekk l-affarijiet ma jsirux kif riedhom hu. Dan jsib konfort fix-xhieda prodotti mill-konvenuta.

Jirrizulta wkoll provat li ta' spiss l-attur kien jerfa' idejh fuq il-konvenuta. Dan il-fatt isib konfort qawwi fix-xhieda tal-gara taghhom Mardion sive Ga Bisazza, xhud estranea ghall-partijiet.

Din, kemm fix-xhieda taghha kif ukoll matul il-kontro-ezami, tafferma li meta l-partijiet kienu joqghodu vicin taghha, hija ta'spiss kienet tisma' lill-konvenuta twerzaq, u kien hemm okkazzjonijiet fejn setghet tara li din kellha tbengil fuq idejha. L-istess xhud rrakkontat espisodji fejn hi rat lill-attur jerfa' jdejh fuq il-konvenuta. Fi kliemha: "Kont nisma' lil D tibki u tghajjat, u tghid: 'No Steve you're hurting me, you're hurting me' …. I used to hear D very often crying and screaming, and saying, 'No Steve stop it, stop it……. There were times when I used to see her on the roof hanging up the clothes, u konna nitkellmu, and I would see bruises on her arms."[1]

[1] Vol.1 – fol.285 – Vide wkoll Vol.2 – fols.833 *et seq.*

Il-Qorti hija tal-fehma li kien dan il-komportament abbuziv, konsistenti fi vjolenza morali u anke fizika, da parti ta' l-attur fuq martu, u eventwalment anke fil-prezenza ta' uliedu, li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, u ghall-aljenazzjoni ta' uliedu minnu. Huwa kien jghajjat ukoll mat-tifla l-kbira meta kien jaraha zzomm ma' ommha u gieghli ghajjarha li hi kienet il-kancer taz-zwieg taghhom.[2]

Dan il-komportament, abitwali u ripetut, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 stante li kien rrenda nsapportabbli ghall-attrici, u ghal uliedhom, il-konvivenza matrimonjali. Inotre, fil-fehema tal-Qorti dan il-komportament ghandu jattira s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 ta' l-imsemmi Kap.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' molestja sesswali fuq il-persuna ta' Ga H, kugina tal-konvenuta, u ta' abbuz sesswali fuq il-persuna tat-tifla F meta dina kellha sitt [6] snin circa, il-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi l-kontenut ta' l-affidavit ta' l-imsemmija Ga H gie michud kategorikament mill-attur, kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll matul il-kontro-ezami, u jsostni li kienet l-istess H li kien tipprova tisseducih.

Jigi osservat li, fl-ewwel lok, il-komportament allegat minn Ga H, ma jammontax ghall-adulterju, izda, se mai, ghall-ingurja gravi da parti ta' l-attur fil-konfront ta' martu; izda, fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li jezizti konflitt fil-provi f' dan ir-rigward, u senjatament ic-cahda da parti ta' l-attur minn naha wahda, u minn naha l-ohra l-fatt li l-allegazzjoni tax-xhud, ma ssibx konfort f' xhieda ohra. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehema li din l-allegazzjoni ma tinsabx sodisfacentement provata.

[b] Illi rigward l-allegat abbuz sostnut mit-tifla F quddiem il-Psikologa Dottor Roberta Attard, il-Qorti tosserva li jezistu

[2] Vol.1 – fol.269 – Dep.Joseph Calleja haddiem socjali nominat espert mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili [fol.70]

konsiderazzjonijiet fattwali li jdajjfu serjament il-veracita’ ta’ din l-allegazzjoni:

[1] Illi fil-kontro-ezami tieghu l-attur cahad konsistenetement u kategorikament li huwa qatt abbuza sesswalment mit-tfal tieghu;

[2] Illi, ghalkemm il-konventa fl-affidavit[3] taghha tghid li a tempo vergine hi kienet xammet riha ta’ sperma fuq il-qalziet ta’ taht tat-tifla, tant li poggietu f’ borza tal-plastic biex sussegwentement ghaddietu lill-pulizija ghall-ezaminijiet forensici, ir-rizultat forensiku kien fin-negattiv. Tghid li: “wara xi xahar hareg ir-rizultat li ‘ma kien hemm xejn’”.

[3]Illi meta sehh dan l-episodju t-tifla kien ghad kellha sitt [6] snin, u minn dak iz-zmien kompliet tghix mal-konvenuta, u ma ohtha E li kellha nfluwenza kbira fuqha[4]; u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinjora l-ezistenza ta’ l-influwenza ndebita u negattiva li t-tifla F setghet, u probabbilment, kienet esposta ghaliha u li setghet wasslitha ghall-konvinciment li meta din kienet zghira kienet abbuzata mill-attur. L-istess Psikologa Dr.Roberta Attard, li hadmet ma’ F kienet kawta meta fil-parti konkluzjonali tar-rapport taghha baqghet tirreferi ghal dak li qalet it-tifla, bhala “allegat abbuz”.[5]

Illi fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li anke din l-allegazzjoni mhijiex sostnuta minn provi adegwati u sodisfacenti; u ghalhekk qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi il-perit legali, ikkonkludiet ukoll li l-konvenuta hija ukoll hatja ghas-separazzjoni personali, stante li “strumentalizzat lil uliedha f’ dawn il-proceduri, ghawwiethom kontra missierhom, u mmakkinat qlajja ta’ abbuz sesswali da parti tieghu sahansitra fuq bintu ta’ sitt snin..” u kkwalifikat dan il-komportament bhala sevizzi da parti taghha fil-konfront ta’ l-attur, u applikat fil-konfront ta’

---

[3] Vol.1 – fol.49
[4] Vide – Vol.1 – Rapport Norbert Cilia [fol.147] u Depozizzjoni Joseph Calleja [fol.271]
[5] Vol.3 – fol. 1216

l-istess konvenuta l-artikolu 48 tal-Kap.16. Din il-Qorti ma taqbilx ma'din il-konkluzjoni ta' l-abbli l-perit legali ghas-segwenti ragunijiet:

[1] Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li kien il-komportament aggressiv da parti ta' l-attur fil-konfront ta' martu, u li kien isir quddiem it-tfal, li wassal lit-tfal sabiex jalljenaw ruhhom minn missierhom b' mod li ma riedux jafu bih izjed. Dan kien konsegwenza naturali tal-komportament abbuziv ta' l-attur fil-konfront ta' ommhom, u eventwalment ukoll fil-konfront tat-tifla l-kbira li l-attur kien jakkuzaha li kienet il-kancer taz-zwieg taghhom.[6] Dan kien qajjem rabja kbira fit-tifla. Il-haddiem socjali Joseph Calleja fid-depozizzjoni tieghu jghid: "E kienet turi rabja kbira kontra missierha ghax kienet tghid li jghajjat maghha ghal xejn b' xejn u minghajr ebda raguni."[7]

Minn naha taghha l-konvenuta kienet taghmel minn kollox sabiex it-tfal jmorru ghall-access mal-missier, u kienet tippanikja meta jirrifjutaw li jmorru, stante li kien hemm ordni tal-Qorti li kellha tigi obduta. L-imsemmi haddiem socjali jghid li "meta z-zghira ma rieditx tara lil missierha, D panicked totalment, kienet imbezza', cemplitli d-dar filghaxija u qaltli biex inkellem lit-tifla …… Sa fejn naf jien Mrs. B C dejjem ipprovat kemm setghet timxi ma' l-ordnijiet tal-Qorti, pero' it-tfal rashom iebsa, it-tnejn li huma….. Jiena konvint li r-rezistenza gejja minnhom, ghax ommhom quddiemi u kull meta tkellmet mieghi, dejjem ghamlet mill-ahjar biex iggieghlhom jiltaqghu ma missierhom."[8]

[2] Illi l-allegazzjoni ta' abbuz fuq it-tifla F, ma saritx mill-konvenuta li minn naha taghha spjegat dak li hi kienet ghamlet fuq is-suggeriment tat-tifla l-kbira; izda kienet l-istess F li sussegwentement, bdiet taghmel din l-allegazzjoni.

---

[6] Vol.1 – fol.267 et seq. – depoz. Joseph Calleja haddiem socjali nominat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili [fol.70]
[7] Vol.1 – fol.273
[8] Ibid – fol.273 – vide ukoll Noti ta' l-Agenzija Appogg dwar is-supervised access vistits - fols.146 u 161

Ghalhekk, ghalkemm mhuwiex eskluz li l-influwenza tal-konvenuta fuq ulied il-partijiet, direttament jew indirettament, kienet wahda negattiva, izda dan il-fattur ma kienx il-kawza tat-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg, izda kien konsegwenza ta’ l-inkwiet matrimonjali rizultat tal-komportament abbuziv da parti ta’ l-attur matul il-konvivenza, kemm fil-konfront tal-konvenuta kif ukoll eventwalment fil-konfront tat-tifla l-kbira. Kien l-istess attur li bil-komportament tieghu ghawwa lil uliedu kontra tieghu.

**Manteniment**

Illi l-attur bhala l-parti hatja ghas-separazzjoni ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lill-konvenuta kemm-il darba din ma jkollhiex mezzi adegwati biex tmantni lilha nnifisha.

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-konvenuta, sa minn qabel iz-zwieg kienet tbati minn kondizzjoni medika f’ daharha, hija kienet tahdem kemm qabel iz-zwieg kif ukoll matul il-konvivenza.  Hija kienet tghin hafna lill-attur fin-negozju li maz-zmien beda jirrendilhom introjtu qawwi, u bqghet tghinu anke meta kellha t-tfal ghadhom trabi.  Kien biss mas-separazzjoni li l-konvenuta bdiet tilmenta li l-potenzjal taghha ghax-xoghol kien limitat minhabba l-kondizzjoni medika taghha.

Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ma ressqitx provi konvincenti dwar xi ostakolu serju li jimpediha milli tahdem sieghat normali, tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ghandha livell ta’ edukazzjoni u potenzjali li tahdem u tiggenera ntrojtu normali, tenut kont tal-fatt li llum-il gurnata t-tfal huma maggjorenni, u ghalhekk m’ ghandhiex limitatazzjoni f’ dan ir-rigward [avolja, kif fuq premess, anke meta kellha t-tfal ghadhom zghar hija kienet tahdem hafna fin-negozju taghhom], u wkoll tenut kont tal-fatt li mal-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni l-konvenuta ser ikollha mezzi finanzjarji adegwati u xierqa ghal ghejxien taghha, din il-Qorti hija tal-fehema li rebus sic stantibus m’ ghandhiex tikkwantifika manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta, izda ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt tal-konvenuta li titlob manteniment

minghand l-attur kemm-il darba din tisfa' bla mezzi adegwati minhabba cirkostanzi mhux fil-kontroll taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
[A] Il-fond konjugali <u>'Villa Barka' t' Alla, Iklin Valley, l-Iklin</u>, stmata mill-perit gudizzjarju fl-ammont ta' LM225,000, illum €520,109.

Illi l-attur qed jippretendi kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti rigwardanti dan il-fond li ntxara in parte mir-rikavat tal-bejgh ta' fond parafernali tieghu numru 53 Stella Gs, Sliema li hu kien akkwista b' subemfitewsi temporaneja permezz ta' kuntratt pubblikat fil-31 ta' Marzu 1979[9]. Dan l-ahhar fond kien gie sussegwentement mibjugh mill-attur fil-5 ta' Novembru 1991 ghall-prezz ta' LM20,500, liema prezz kien gie uzat sabiex thallas nofs il-prezz tal-villa akkwistata mill-partijiet b' kuntratt ippubblikat fis-7 ta' Awissu 1990 versu l-prezz komplessiv ta' LM45,500.

Illi l-attur isostni li l-villa ghandha tigi assenjata lilu peress li bir-rikavat tal-prezz tal-fond paraphernali mibjugh minnu, huwa kien hallas nofs il-prezz tal-villa. Huwa jsostni li l-kreditu parafernali dovut lilu jekwivali ghal nofs il-valur tal-villa kif stmata mill-perit tekniku, u cioe' LM112,500. Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li l-post ta' tas-Sliema kien inxtara mill-attur f' ismu u wkoll ghan-nom taghha stante li dan il-fond kien inxtara ftit xhur qabel iz-zwieg u kien intiz sabiex iservi bhala l-fond konjugali tal-partijiet; u ghalhekk dan il-fond ma jistax jitqies li jappartjeni lill-attur biss, avolja kien inxtara qabel iz-zwieg.

Illi in propozitu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi mill-provi ma hemm xejn x' juri li meta l-attur akkwista l-fond f' tas-Sliema huwa kien qed jagixxi wkoll ghan-nom tal-konvenuta, allura gharusa tieghu. Il-provi juru li s-subemphytewsi temporaneja ta' dan il-fond kien gie akkwistat mill-attur wahdu, minghajr ghajnuna

[9] Vol.3 – fol.1226

finanzjarja jew mod iehor, bhal fil-kaz li l-post ikun gie akkwistat mill-Awtorita' tad-Djar permezz ta' applikazzjoni ta' l-gharajjes, iffirmata minnhom f' liema kaz allura huwa legalment accettabbli l-argument li l-fond kien gie akkwistat bis-sahha taz-zewg partijiet[10]. Izda fil-kaz in dizamina, ma kien hemm ebda intervent, fis-sens ta' ghajnuna, da parti tal-konvenuta; u ghandu jirrizulta manifest li l-fatt li persuna takkiwsta fond bil-hidma taghha qabel iz-zwieg sabiex iservi bhala l-fond konjugali, dan il-fatt *per se*, ma jintitolax lill-parti l-ohra ghal xi sehem minn dan il-fond.

Ghalhekkk din il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-fond numru 53 Stella Gs Street, Sliema, akkwistat mill-attur bi flusu qabel iz-zwieg, u sussegwentement mibjugh waqt iz-zwieg, ghandu jitqies bhala parafernali ta' l-attur, u li allura l-attur ghandu kreditu parafernali, kontra il-kommunjoni, ekwivalenti ghar-rikavat tieghu, f' dan il-kaz LM20,500 meta l-istess fond nbigh sussegwentement waqt iz-zwieg.

[b] Illi t-tezi ta' l-attur li llum huwa ghandu kreditu ta' LM112,500 [rapprezentanti nofs il-valur tal-villa fl-Iklin kif stmat mill-perit tekniku] versu l-kommunjoni ta' l-akkwisti stante li l-imsemmi rikavat ta' LM20,500 kien gie mpjegat biex thallas nofs il-prezz tal-villa meta dina nxtrat fis-7 ta' Awissu 1990, hija fil-fehema ta' din il-Qorti legalemnt insostenibbli. Jigi osservat li l-pozizzjoni legali, fic-cirkostanzi prezenti, hija din. Meta l-attur kien biegh il-fond f' tas-Sliema matul iz-zwieg, ir-rikavat ta' LM20,500 li gie mpjegat mill-partijiet biex inxtrat il-villa, dahal fil-kommunjoni ta' l-akkwisti, bi kreditu fl-istess ammont favur l-attur kontra l-istess kommunjoni. Meta dan l-ammont ta' LM20,500 gie effettivament mpjegat sabiex thallas nofs il-prezz tal-villa, baqa' integru l-kreditu ta' l-attur fl-istess ammont, izda l-akkwist tal-villa dahal fil-kommunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk il-valur tal-villa llum, huwa rilevanti biss ghall-finijiet tal-likwidazzjoni ta' l-istess villa li tapparjenti liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali. Il-kreditu parafernali ta' l-attur fil-konfront tal-komunjoni jibqa' l-imsemmi ammont ta' LM20,500.

[10] App.[1197/02] Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon 30.11.2007

Inoltre, il-Qorti ma taqbilx mat-tezi li l-attur ghandu jinghata l-imghax fuq dan l-ammont mid-data li fiha gie mpjegat l-ammont biex inxtrat il-villa, stante li l-likwidazzjoni qed issir illum permezz tal-gudizzju odjern, u ghalhekk huwa f' dan l-istadju li dan l-ammont qed jigi gudizzjarjament dikjarat dovut lill-attur, u konsegwentement qed jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni. Inoltre, kif korrettement osservat mill-konvenuta, l-imghax fuq flus parafernali jappartejnu lill-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali, fis-sens li l-akkwist b' subemphytewsi temporaneja tal-fond 53 Stella Gs Street, Sliema kien sar mill-attur wahdu, u ghalhekk kien parafernali tieghu, u li l-kreditu parafernali li ghandu l-attur versu l-kommunjoni ta' l-akkwisti rizultat tal-bejgh waqt iz-zwieg ta' dan il-fond, huwa ta' LM20,500.

*[B] Kreditu ta' LM9,000 rigwardanti l-appartament numru tlieta [3] Carlton Court, Tower Road, Sliema* – li gie stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta' LM100,00, ekwivalenti ghal €209,643. Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li dan il-post kien inxtara mill-genituri ta' l-attur, izda fuq isem it-tfal, A u Noel, ahwa B C, u li l-partijet kienu taw is-somma ta' LM9,000 lill-missier l-attur ghal dan il-ghan. Jigi osservat li, ghalkemm fuq il-kuntratt ta' l-akkwist kienu deheru l-attur u huh, Noel, dawn kienu qed jidhru ghan-nom u fl-interess tal-genituri taghhom permezz ta' mandat tacitu. Ghalhekk legalment il-fond kien gie akkwistat mill-genituri ta' l-attur, u ssussegwentement iddevolva fuq l-istess ahwa B C bhala eredi tal-genituri taghhom. Konsegwentement in-nofs indiviz ta' dan il-fond jappartjeni lill-attur bhala proprjeta' parafernali tieghu provenjenti minn wirt; izda l-kommunjoni ta' l-akkwisti hija kreditrici fil-konfront taghhom fis-somma ta' LM9,000 li, kif ammess mill-istess partijiet, kienet inghatat lil missier l-attur waqt iz-zwieg. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tiehu minghand l-attur is-somma ta' LM4,500.

[C] Il-garage, u l-mezzanine sovrastanti bl-isem "S.B C Fishing Tackle" Triq it-Terz, St. Andrews/Swieqi, li gew stmati mill-perit tekniku fl-ammont komplessiv ta' LM90,000, ekwivalenti ghal €209,643.61.

[D] L-ishma tas-socjeta' Euroscan Limited skond il-valur taghhom fid-data tal-gudizzju odjern. L-attur jghid li din is-socjeta' kienet giet ifformata fil-21 ta' Jannar 2003, fil-mori tal-proceduri odjerni, sabiex hu jkun jista' jkompli jinnegozja minkejja l-Mandat ta' Sekwestru vigenti kontra tieghu.

[E] Il-vetturi Vann Fiat, Peugeot 205 u Clio – f' dan ir-rigward il-qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali, u filwaqt li tassenja l-vettura Clio lill-konvenuta, tassenja l-Peugeot lill-attur; il-van jappartjeni lin-negozju.

[F] Effetti Mobbli – dawn jinsabu elenkati mill-konvenuta fl-inventarju prezentat minnha market Dok.XYZ u li jinsab inserit a fols.415 sa 418 tal-process u li kopja tieghu qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C]. Dawn l-oggetti ghandhom jigu divizi bejn iz-zewg partijiet, izda fin-nuqqas ta' ftehim, il-Qorti tinnomina lill-istimatur Vincent Cilibert biex, wara li jaghmel stima taghhom, jaqsamhom f' zewg porzjonijiet ugwali, u jassenja dawn il-porzjonijiet lill-partijiet bix-xorti; u dan a spejjez ugwali taz-zewg partijiet.

[G] In-negozju "SB.C" li gie stmat mill-perit komputista fl-ammont ta' LM202,475 illum ekwivalenti ghal €471,639.88 li minnu ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' LM90,000, rapprezentanti l-valur ta' l-immobbli [garage u mezzanin Triq it-Terz St.Andrews/Swieqi], biex b' hekk il-valur nett tan-negozju, eskluz l-imsemmija fondi, jammonta ghal LM112,475 illum ekwivalenti ghal €261,996.27.

Illi fir-rapport tieghu l-perit tekniku jghid b' mod car li l-attur kien ripetutament jonqos milli jghaddilu d-dokumenti rikesti minnu. Fit-tieni rapport tieghu l-perit tekniku jghid: "Sfortunatament kull darba kien jghaddi[li] xi dokumenti, izda qatt dak kollu li tlabtu." Fl-istess rapport tieghu l-perit

tekniku jkompli jispjega fid-dettal l-osservazzjoni tieghu li l-attur ma kienx qed jurih il-pozizzjoni finanzjarja shiha tan-negozju tieghu. Minn naha l-ohra l-attur jikkritika l-operat tal-perit tekniku u l-konkluzzjonijiet tieghu, izda naqas li jitlob il-hatra ta' perit perizjuri, u minnflok, prezenta dokumenti li naqas jipprezenta quddiem il-perit tekniku dwar l-operat tan-negozju u senjatament flus allegatament parafernali ta' l-attur u allegatament injettati fin-negozju tieghu. Ghaldaqstant, din il-Qorti ghandha tistrieh fuq il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, appuntat appozitament biex jghin lil din il-Qorti f' materja teknika.

Illi l-attur jallega ammonti ta' krediti parafernali, rapprezentati sommom ta' flus provenjenti mill-wirt tal-genituri tieghu, u li skond hu, kien injetta fin-negozju tieghu li l-frott tieghu jifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Dawn huma [1] LM22,000 provenjenti mill-wirt tal-genituri; [2] LM55,756 provenjenti minn bejgh ta' sehemu minn eredita' gejja minn naha ta' ommhu. Qed jirriklama wkoll l-ammont ta' LM9,660 rapprezentanti nofs il-pagamenti mensili ta' LM420 li hu kien kostrett li jaghmel minn Lulju 2003 meta kien gie mgieghel mill-bank jaqleb l-overdraft ghal-loan minhabba s-sekwestru kawtelatorju maghmul mill-konvenuta.

Illi in propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

[1] illi l-ammont ta' LM22,00 jirrapprezenta zewg ammonti ta' LM11,701.53[11] mahrugin, wiehed lill-attur, u l-iehor lil huh Noel, povenjenti mill-wirt tal-genituri taghhom, u li dawn l-ammonti kienu gew depozitati f' zewg kontijiet bankarji mal-Bank HSBC f' isem <u>Noel</u> B C, biex l-attur ikun fil-pozizzjoni li jkompli n-negozju, u b' hekk <u>jevita</u> l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra tieghu mill-konvenuta; u dan bi pregudizzju ghall-istess konvenuta li allura kienet, u ghadha, tigi mcahhda mill-frott ta' din l-attivita' kummercjali li, almenu nofsu, jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti.

---

[11] Vol.3 – fol.1327 *et seq.* – vide wkoll xhieda attur Vol.5 – fol.2189

[2] Is-somma ta' LM55,756 provenjenti minn bejgh ta' sehemu minn eredita' gejja minn naha ta' ommhu skond kuntratt datat 25 ta' Marzu 2004[12]. Il-provi juru li anke din is-somma giet depozitata f' kont bankarju f' isem hu l-attur sabiex dan ikompli bin-negozju tieghu. F' dan ir-rigward japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafu precedenti.

[3] Illi rigward l-ammont ta' LM9,660 rapprezentanti hlas tal-pagamenti tal-loan, il-Qorti itosserva li ma hemmx provi sodisfacenti li dawn thallsu mill-proprjeta' parafernali ta' l-attur, anzi l-probbabilita' hija li dawn thallsu mill-introjtu tan-negozju li l-attur baqa' jiggestixxi f' isem huh, u ghalhekk dan l-ammont huwa assi tal-kommunjoni ta' l-akkwisti. B' hekk mhu dovut xejn mill-kommunjoni ta' l-akkwisti lill-attur.

Illi rigward l-ammonti ndikati fil-paragrafi numri [1] u [2] il-Qorti tosserva li ma gietx provat il-valur ta' dak percepit mill-attur minn negozju li hu baqa' jezercita matul il-proceduri, u li gie zvelat lil din il-Qorti mal-prezentata tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, u li allura jifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Dan il-fatt jissuffraga lill-perit tekniku fil-konkluzzjonijiet tieghu li l-attur verament ma kienx qed jurih il-pozizzjoni finanzjarja shiha tan-negzoju tieghu; u inoltre, kien korrett il-perit tekniku meta sostna li hu ma setghax isib fil-kontijiet tan-negozju l-krediti parafernali allegati mill-attur, stante li dawn l-ammonti kienu gew depozitat fuq isem <u>hu l-attur</u> ! Fir-rapport tieghu l-perit tekniku jafferma hekk: "..izda jibqa' l-fatt li dawn ir-rendikonti bankarji partikolari, deposit slips u dokumenti ohra ma gewx ezebiti.[13]L-esponent ezamina r-rendikonti esebiti, izda ma rnexxielux jintracca depoziti fl-ammonti ndikati mill-awditur."[14] Fid-depozizzjoni tieghu tat-28 ta' Jannar 2008 l-attur jghid b' mod car "Hija [Noel] fetah dawn il-kontijiet [009052812050 u 009052812001]

[12] Vol.3 – fol.1331
[13] Fil-fatt l-attur ghogbu jipprezenta dawn id-deposit slips **<u>wara</u>** li l-perit tekniku ghalaq l-inkariku tieghu, u per di piu meta l-istadju tal-provi kien konkluz.
[14] Vol.3 – fol.1116

ghall-uzu eskluzziv tieghi, u hija ma juzax dawn il-kontijiet, tant illi hemm skrittura privata bejnietna f' dan is-sens."[15]

Illi tenut kont tal-premess, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha, b' mod partikolari it-tul ta' dawn il-proceduri, il-Qorti thoss li nkarigi ulterjuri huma kontro-indikati, u minnflok, hija tal-fehema li l-ammonti fuq indikati, ta' LM11,701.53 u LM55,756 ghandhom jigu pacuti ma' l-ammont dovut lill-konvenuta bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti rapprezentanti nofs l-introjtu tan-negozju li l-attur kompla jiggestixxi wara l-mandat tas-sekwestru kawtelatorju, bl-ghajnuna ta' isem huh Noel, li fuqu kienu ntestati l-kontijiet bankarji relattivi, u dan ad insaputa tal-konvenuta, tal-perit tekniku u anke tal-Qorti.

Ghalhekk huwa dovut lill-konvenuta bhala sehemha minn negozju SB C s-somma ta' **LM56,237.50, ekwivalenti ghal €130,998.14.**[16]

[H] Poloz ta' l-Assikurazzjoni - Illi mill-provi jirrizulta li fil-kommunjoni ta' l-Akkwisti hekk erba' poloz ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja li l-partijiet ghandhom mas-socjeta' Eagle Star, u li dawn ghandhom rispettivament in-numri: 65 72 18; 65 34 55; 35 00 192 u 65 61 94.

***Assenjazzjoni***

[A] Illi l-Villa 'Barka t' Alla' Iklin Valley, L-Iklin, tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena; u fin-nuqqas, wara sena tinbigh bis-subbasta; u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-ammont ta' €47,752 [ekwivalenti ghal LM20,500] dovut lill-attur, jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

Illi fil-frattemp, il-konvenuta qed tigi awtorizzata tghix fl-imsemmi fond, flimkien mat-tfal maggjorenni tal-partijiet, ad eskluzzjoni ta' zewgha.

[B] Illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €10,482 [ekwivalenti ghal LM4,500] rapprezentanti sehemha mill-kreditu tal-komunjoni kontra l-ahwa B C;

[15] Vol.5 – fol.2191
[16] LM202,475 – LM90,000 /2

[C] Illi l-garage u l-mezzanine sovrastanti bl-isem “SB C Fishing Tackle” Triq it-terz St.Andrews/Swieqi, jinbigh bl-istess mod bhal fond indikat that il-partita [A], fuq is-suq hieles fi zmien sena, u bis-subbasta wara sena;  u r-rikavat tieghu jinqasam fi kwoti wgwali bejn il-partijiet;

[D] Nofs l-ismha tas-socjeta’ Euroscan Limited ghandhom jigu assenjati mill-attur lill-konvenuta;

[E] Il-vetturi ghandhom jigu assenjati lill-partijiet kif fuq indikat;

[F] L-effetti mobbli ghandhom jigu divizi kif fuq indikat;

[G] In-negozju “SB C”:  illi sehem il-konvenuta minn dan in-negozju, flimkien mad-dejn relattiv, qed jigi assenjat lill-attur b’ mod li dan allura jkun proprjetarju tan-negozju fl-intier tieghu, filwaqt li l-attur qed jigi ordnat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ €130,998.14 [LM56,237.50].

[H] Polozz fuq il-Hajja – il-valur taghhom ghandu jinqasam bejn il-partijiet b’ mod ugwali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika ta’ l-attur;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta’l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti’;

[5] tichad il-hames talba;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li hi superfluwa;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq deciz, u tistabbilixxi l-gurnata tat-8 ta' Jannar 2002 bhala d-data tal-htija tal-firda;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[4] tichad ir-raba' talba limitatament u fis-sens kif fuq stabblit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[5] tilqa' il-hames talba u tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront ta' l-attur;
[6] tilqa' s-sitt talba fis-sens gja' fuq deciz;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tilqa' it-tmien talba limitatament ghal perijodu sakemm id-dar tinbiegh;
[9] tilqa' id-disa' talba;

L-ispejjez kollha, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------